SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

14 ta' Jannar 2016*

"Agrikoltura — Ħlas lura fuq l-esportazzjoni — Laħam tat-tjur — Iffissar tal-ħlas lura għal żero euro — Obbligu ta' motivazzjoni — Possibbiltà għall-Kummissjoni li tillimita lilha nnifisha għal motivazzjoni standard — Prattika abitwali tal-Kummissjoni fil-qasam tal-iffissar tal-ħlasijiet lura — Artikolu 164(3), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 — Natura mhux limitattiva tal-kriterji previsti"

Fil-Kawża T-549/13,

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata minn G. de Bergues, D. Colas u C. Candat, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn D. Bianchi u K. Skelly, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2013, tat-18 ta' Lulju 2013 li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 196, p. 13),

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Dittrich (Relatur), President, J. Schwarcz u V. Tomljenović, Imħallfin,

Reġistratur: S. Bukšek Tomac, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' April 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz ta' dan ir-rikors, ir-Repubblika Franċiża titlob l-annullament ta' att adottat mill-Kummissjoni Ewropea, li bih din tal-aħħar stabbilixxiet b'rata ta' żero euro l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur għal tliet kategoriji ta' tiġieġ sħaħ iffriżati.

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

2 Il-prinċipji li jirregolaw il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni huma rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS") (ĠU L 299, p. 1), kif emendat.

3 Il-Kapitolu III, "Esportazzjonijiet", tal-Parti III, "Kummerċ ma' pajjiżi terzi", tar-Regolament Nru 1234/2007 jinkludi Taqsima II, "Rifużjonijiet ta' esportazzjoni" dedikata lill-imsemmija ħlasijiet lura. L-Artikolu 162 tar-regolament jipprovdi li, sa fejn ikun meħtieġ sabiex l-esportazzjonijiet ikunu jistgħu jseħħu abbażi ta' kwotazzjonijiet jew prezzijiet fis-suq dinji u fi ħdan il-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skont l-Artikolu 218 TFUE, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet u prezzijiet fl-Unjoni Ewropea jistgħu jkunu koperti minn rifużjoni ta' esportazzjoni għal prodotti li jaqgħu, b'mod partikolari, taħt is-settur tal-laħam tat-tjur.

4 Skont l-Artikolu 164(1) tar-Regolament Nru 1234/2007, ir-rifużjonijiet ta' esportazzjoni għandhom ikunu l-istess għall-Unjoni kollha. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu, ir-rifużjonijiet għandhom ikunu ffisati mill-Kummissjoni. Ir-rifużjonijiet jistgħu jkunu ffissati: u jistgħu jkunu f'intervalli regolari jew, għal ċerti prodotti, permezz ta' sejħa għal appalt. Dan il-paragrafu jipprovdi wkoll li, ħlief fejn iffissati b'appalt, il-lista ta' prodotti li għalihom tingħata rifużjoni tal-esportazzjoni u l-ammont ta' din ir-rifużjonijiet għandha tkun stabbilita tal-inqas darba kull tliet xhur.

5 L-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 huwa fformulat kif ġej:

"Wieħed jew aktar mill-aspetti li ġejjin għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta jkunu qed jiġu ffissati rifużjonijiet għal ċertu prodott:

(a) is-sitwazzjoni eżistenti u x-xejra futura fir-rigward ta':

— prezzijiet u disponibbiltà ta' dak il-prodott fis-suq Komunitarju,

— prezzijiet għal dak il-prodott fis-suq dinji.

(b) l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni li huma li jkun żgurat l-ekwilibriju u l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet u kummerċ f'dan is-suq;

(ċ) il-ħtieġa li jiġu evitat disturbi li x'aktarx joħolqu żbilanċ prolungat bejn il-provvista u d-domanda fis-suq Komunitarju;

(d) l-aspett ekonomiku ta' l-esportazzjonijiet proposti;

(e) il-limiti li jirriżultaw minn ftehim konklużi skond l-Artikolu [218 TFUE];

(f) il-ħtieġa li jkun stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi Komunitarji fil-manifattura ta' oġġetti pproċessati għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, u l-użu ta' prodotti ta' pajjiżi terzi li ddaħħlu taħt ftehim ta' proċessar;

(g) l-aktar spejjeż favorevoli ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' trasport minn swieq Komunitarji għal portijiet Komunitarji jew postijiet oħra ta' esportazzjoni flimkien ma l-ispejjeż sabiex jintbagħtu lill-pajjiżi ta' destinazzjoni;

h) id-domanda fis-suq Komunitarju;

i) fir-rigward tas-setturi tal-laħam tal-majjal, bajd u tjur, id-differenza bejn il-prezzijiet fil-Komunità u l-prezzijiet fis-suq dinji għall-kwantità ta' feed grain input meħtieġ għall-produzzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' dawk is-setturi."

6 Konformement ma' dawn ir-regoli, il-Kummissjoni ffissat perjodikament, permezz ta' regolamenti ta' implementazzjoni, l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur.

7 Mill-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 525/2010, tas-17 ta' Ġunju 2010, li jistabbilixxi r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 152, p. 5), l-ammont ta' dawn il-ħlasijiet lura kien is-suġġett ta' tnaqqis progressiv, fir-rigward tat-tliet kategoriji ta' tiġieġ iffriżati. L-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni tnaqqsu minn EUR 40/100 kg għal EUR 32.5/100 kg. Dan l-ammont tal-aħħar, wara li nżamm għal tmien regolamenti ta' implementazzjoni suċċessivi, sussegwentement tnaqqas għal EUR 21.70/100 kg bis-saħħa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 962/2012, tat-18 ta' Ottubru 2012, li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 288, p. 6).

8 Tnaqqis ġdid, li ġab l-ammont tal-ħlasijiet lura għal EUR 10.85/100 kg għat-tliet kategoriji ta' tiġieġ iffriżati inkwistjoni sar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 33/2013, tas-17 ta' Jannar 2013, li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 14, p. 15). Sussegwentement dan l-ammont inżamm mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2013, tat-18 ta' April 2013, li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 109, p. 27).

9 Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2013, tat-18 ta' Lulju 2013, li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 196, p. 13, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"), il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet b'rata ta' żero euro l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni għal tliet kategoriji ta' tiġieġ sħaħ iffriżati, li l-kodiċijiet tagħhom huma 0207 12 10 9900, 0207 12 90 9190 u 0207 12 90 9990.

10 L-ammont tal-ħlasijiet lura għas-sitt prodotti l-oħra – essenzjalment flieles – riprodotti fl-anness tar-regolament ikkontestat, li kien ġie ffissat għal żero mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1056/2011, tal-20 ta' Ottubru 2011, li jistabbilixxi r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 276, p. 31), ma ġiex emendat.

11 Skont l-anness tar-regolament ikkontestat, id-destinazzjonijiet ikkonċernati mill-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni huma, b'mod partikolari, il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani.

12 Ir-regolament ikkontestat barra minn hekk ħassar ir-Regolament Nru 360/2013 li kien jiffissa sa dak iż-żmien il-livell ta' ħlasijiet lura għas-settur inkwistjoni.

13 Il-premessi 1 sa 3 tar-regolament ikkontestat huma fformulati kif ġej:

"(1) Skont l-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji tal-prodotti msemmija fil-parti XX tal-Anness I għar-Regolament imsemmi u l-prezzijiet fl-Unjoni għal dawk l-istess prodotti tista' tkun koperta minn rifużjoni tal-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq tal-laħam tat-tjur, jeħtieġ li jiġu ffissati rifużjonijiet tal-esportazzjoni f'konformità mar-regoli u l-kriterji pprovduti fl-Artikoli 162, 163, 164, 167 u 169 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) L-Artikolu 164(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni, speċjalment fejn dan ikun meħtieġ minħabba fis-sitwazzjoni tas-suq dinji, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq, jew l-obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu [218 TFUE]."

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

14 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Ottubru 2013, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat dan ir-rikors.

15 Fid-dawl tar-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991, stiednet lill-partijiet biex jirrispondu bil-miktub għal domandi. Il-partijiet wieġbu għal din it-talba fit-terminu impost.

16 Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-regolament ikkontestat;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tirriżerva l-ispejjeż.

Id-dritt

18 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika Franċiża tqajjem żewġ motivi, bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u, it-tieni, fuq ksur tal-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007.

1. *Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE*

19 Ir-Repubblika Franċiża targumenta li, fir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ma indikatx ir-raġunament tagħha b'mod ċar u inekwivoku u, konsegwentement, ma ppermettietx lill-persuni kkonċernati li jiddefendu d-drittijiet tagħhom u għall-Qorti Ġenerali li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni kienet marbuta tiżviluppa r-raġunament tagħha b'mod espliċitu peress li r-regolament ikkontestat kien imur ferm lil hinn mir-regolament preċedenti.

20 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Repubblika Franċiża.

Fuq il-ġurisprudenza dwar l-obbligu ta' motivazzjoni

21 Skont ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-motivazzjoni rikjesta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, l-awtriċi tal-att, b'mod li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jagħrfu r-raġunijiet wara l-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' April 1997, Irish Farmers Association *et*, C-22/94, Ġabra, EU:C:1997:187, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, C-41/00 P, Ġabra, EU:C:2003:125, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tiddependi min-natura tal-att inkwistjoni u li, fir-rigward ta' atti li jkollhom portata ġenerali, il-motivazzjoni tista' sempliċement tindika, minn naħa, is-sitwazzjoni globali li wasslet għall-adozzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet ġenerali li dan l-att huwa intiż li jilħaq (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-304/01, Ġabra, EU:C:2004:495, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Barra minn hekk, il-livell ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandu jkun proporzjonali mal-possibbiltajiet materjali u mal-kundizzjonijiet tekniċi jew ta' terminu li fihom din għandha tittieħed (sentenza tal-1 ta' Diċembru 1965, Schwarze, 16/65, Ġabra, EU:C:1965:117).

24 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza jirriżulta li r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata deċiżjoni li ssegwi linja ta' deċiżjonijiet stabbilita sew jistgħu jingħataw fil-qosor, pereżempju b'referenza għal dawk id-deċiżjonijiet (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 1990, Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, C-350/88, Ġabra, EU:C:1990:71, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-8 ta' Novembru 2001, Silos, C-228/99, Ġabra, EU:C:2001:599, punt 28). Fis-sentenza Delacre *et* vs Il Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (EU:C:1990:71, punt 19), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ir-riferiment tad-deċiżjoni kkontestata għall-bażijiet legali applikabbli kien jissodisfa r-rekwiżit tal-motivazzjoni u li l-emenda tal-ammont tal-għajnuna inkwistjoni meta mqabbla ma' sejħiet individwali għall-offerti preċedenti ma kellhiex tkun is-suġġett ta' motivazzjoni speċifika. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 17 ta' dik is-sentenza, li l-iffissar tal-ammonti massimi tal-għajnuna "[kien] jikkostitwixxi proċedura uniformi li [kienet] tirrepeti lilha nnifisha madwar kull ħmistax-il jum, li fil-kuntest tagħha d-deċiżjonijiet [kienu] jintervjenu fuq il-bażi ta' kriterji espliċiti ta' leġiżlazzjoni barra minn hekk perfettament magħrufa mill-ambjenti kkonċernati u ma [kinux] differenti sensibbilment minn xulxin la fir-rigward tal-mod tal-adozzjoni tagħhom lanqas fir-rigward tal-kontenut tagħhom". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

25 Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza jirriżulta li hija l-awtorità tal-Unjoni li għandha tiżviluppa r-raġunament tagħha b'mod espliċitu meta d-deċiżjoni tmur ħafna iktar 'il bogħod mid-deċiżjonijiet preċedenti (ara s-sentenza Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, punt 24 iktar 'il fuq, EU:C:1990:71, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza Silos, punt 24 iktar 'il fuq, EU:C:2001:599, punt 28).

26 Fis-sentenza Silos, punt 24 iktar 'il fuq (EU:C:2001:599, punt 29), li hija invokata mir-Repubblika Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-motivazzjoni ta' regolament li jiffissa għal żero l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fis-settur taċ-ċereali ma kinitx tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-motivazzjoni ta' dan ir-regolament, identika għal dik tar-regolament preċedenti li bih il-Kummissjoni kienet żiedet l-ammont tal-ħlasijiet lura dwar il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali billi ġabithom għal ECU 74.93 għal kull tunnellata, ma kienet ipprovdiet l-ebda spjegazzjoni partikolari fir-rigward tar-raġunijiet li kienu wasslu lill-Kummissjoni, ġimgħa wara l-adozzjoni ta' dan ir-regolament tal-aħħar, li tħassar *de facto* l-imsemmija ħlasijiet lura billi tnaqqas l-ammont tagħhom għal ECU 0 għal kull tunnellata. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fil-punt 30 ta' dik is-sentenza, li s-sempliċi riferiment għall-possibbiltajiet u għall-kundizzjonijiet ta' bejgħ fis-suq globali, għan-neċessità li jiġu evitati tfixkiliet fis-suq tal-Unjoni u għall-aspett ekonomiku tal-esportazzjonijiet ma jistax, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti għal regolament li kien waqaf mill-prattika abitwali tal-Kummissjoni li tikkonsisti fl-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura abbażi tad-differenza bejn il-prezz tal-prodotti kkonċernati fis-suq tal-Unjoni, minn naħa, u dawn il-prezzijiet fis-suq globali, min-naħa l-oħra.

27 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li jirriżulta mill-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenza Schwarze, punt 23 iktar 'il fuq, (EU:C:1965:117), li fil-qasam agrikolu, l-użu ta' motivazzjonijiet standard huwa, taħt ċerti kundizzjonijiet, aċċettabbli.

28 Barra minn hekk, jirriżulta mis-sentenza Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, punt 24 iktar 'il fuq, (EU:C:1990:71, punti 15, 17 u 19), li r-riferiment, fil-motivazzjoni ta' att, "għall-bażijiet legali applikabbli" jista' jkun suffiċjenti sa fejn dan l-att ikun konformi ma' prattika deċiżjonali stabbilita.

29 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Silos (C-228/99, Ġabra, EU:C:2001:196), permezz ta' prattika tas-soltu, wieħed għandu jifhem l-aġir li l-Kummissjoni tadotta b'mod stabbilit, fid-dawl taċ-ċirkustanzi prevalenti fis-suq.

Fuq in-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat

30 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat tikkorrispondi għal motivazzjoni standard. Kif ir-Repubblika Franċiża tenfasizza, din il-motivazzjoni hija identika għal dik tar-regolamenti preċedenti, li kienu iffissaw l-ammont tal-ħlasijiet lura, rispettivament, għal EUR 32.50/100 kg, għal EUR 21.70/100 kg u għal EUR 10.85/100 kg (ara l-punti 7 u 8 iktar 'il fuq).

31 Għandu jiġi kkonstatat li, ladarba n-natura perjodika tal-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u l-proċedura uniformi applikabbli għall-adozzjoni tar-regolamenti rispettivi, motivazzjoni standard hija, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 24 iktar 'il fuq, ammissibbli sa fejn il-Kummissjoni taġixxi konformement mal-prattika tagħha abitwali matul l-iffissar ta' dan l-ammont. Ir-Repubblika Franċiża tammetti barra minn hekk, fil-punt 31 tal-att, li r-regolament ikkontestat ikun konformi ma' deċiżjoni stabbilita u li, fuq din il-bażi, jista' fil-prinċipju jkun motivat fil-qosor. Hija tqis, madankollu, li l-Kummissjoni kienet marbuta tiżviluppa r-raġunament tagħha b'mod espliċitu peress li r-regolament ikkontestat kien imur ferm lil hinn mir-regolament preċedenti.

32 Għalhekk għandu jiġi analizzat jekk il-Kummissjoni aġixxiet konformement mal-prattika tagħha abitwali, billi ffissat l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjonijiet fir-regolament ikkontestat.

Fuq il-prattika abitwali tal-Kummissjoni

33 B'risposta għal domanda bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni spjegat fid-dettall il-prattika abitwali li kienet issegwi, fil-mument tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, fil-qasam tal-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur.

34 B'mod partikolari, il-Kummissjoni rrilevat li l-prattika tagħha abitwali kienet tikkonsisti li jitwettaq, minn naħa, kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, ibbażat fuq id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq globali u, min-naħa l-oħra, analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq.

35 Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat li, fir-rigward tat-tiġieġ sħaħ iffriżati, id-differenza tal-prezz hija kkalkolata, minn naħa, fuq il-bażi tad-differenza bejn il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid fi Franza kkalkolat fuq bażi fob (frank abbord) u l-prezz tal-bejgħ għal destinazzjoni (prezz dinji miżmum) li huwa l-prezz trażmess mill-operaturi u, min-naħa l-oħra, fuq il-bażi tad-differenza bejn il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid fi Franza kkalkolat fuq bażi fob u l-prezz Brażiljan, meta huwa disponibbli u aġġornat.

36 Hija rrilevat li l-analiżi tas-suq li hija kienet qed twettaq kienet tikkonsisti f'ġabra l-iktar kompleta possibbli tad-data ekonomika tas-settur li tinkludi b'mod partikolari l-iżvilupp tal-prezz medju ta' kull ġimgħa tat-tiġieġ fl-Unjoni; il-varjazzjoni fil-perċentwali tal-prezzijiet tat-tiġieġ; il-prezzijiet f'termini ta' fażola tas-soja, tal-qamħ u tal-qamħ għalf; ir-rati tal-kambju; il-prezzijiet tal-ingredjenti bażiċi; l-iżviluppi tal-għalf ipproċessat; it-tbassir tal-produzzjoni u l-produzzjoni tat-tiġieġ; l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

37 Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat li, fuq il-bażi ta' dawn l-elementi kollha, kien possibbli li wieħed jasal għal konklużjonijiet globali fuq is-sitwazzjoni tas-suq li kienu jinkludu: il-produzzjoni fl-Unjoni, il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq tal-Unjoni, il-marġni tal-produtturi Ewropej abbażi tal-ispejjeż tal-ikel, is-sitwazzjoni tal-esportazzjonijiet u tal-importazzjonijiet għas-suq tal-Unjoni inklużi għall-esportazzjonijiet bi ħlasijiet lura, is-sitwazzjoni u l-prezz fuq is-swieq internazzjonali (il-Brażil u l-Istati Uniti) filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rati tal-kambju.

38 Skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni, din tal-aħħar kienet tiddeduċi l-ammont tal-ħlas lura mit-taħlita ta' dawn iż-żewġ elementi, jiġifieri l-kalkolu teoretiku u l-analiżi tas-suq.

39 Fir-rigward tal-konsegwenzi li wieħed għandu jasal għalihom mis-sentenza Silos, punt 24 iktar 'il fuq (EU:C:2001:599), u b'mod partikolari mill-punt 30 tal-imsemmija sentenza, li fih il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fir-rigward tas-settur taċ-ċereali, li l-prattika abitwali tal-Kummissjoni li kienet tikkonsisti fl-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura abbażi tad-differenza bejn il-prezz tal-prodotti kkonċernati fis-suq tal-Unjoni, minn naħa, u dawn il-prezzijiet fis-suq globali, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni rrilevat li hija kienet tiffissa l-ammont tal-ħlasijiet lura "abbażi ta'" din id-differenza ta' prezz f'dan is-sens li din tal-aħħar kienet tikkostitwixxi element li hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni. Hija rrilevat li l-prattika tagħha abitwali ma kienet qatt ikkonsistiet li jittieħed inkunsiderazzjoni esklużivament dan l-element biss u li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni sal-livell tad-differenza bejn il-prezz tas-suq tal-Unjoni u l-prezz tas-suq globali, iżda li hija ħadet dejjem inkunsiderazzjoni l-kriterji l-oħra għall-iffissar tal-ħlasijiet lura indikati mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

40 Interrogata f'dan ir-rigward matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża ma kkontestatx li l-prattika abitwali tal-Kummissjoni kienet tikkonsisti li twettaq, minn naħa, kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u, min-naħa l-oħra, analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq, konformement mal-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni b'risposta għad-domandi bil-miktub li sarulha.

41 Għalhekk għandha tiġi analizzata l-kwistjoni jekk, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ċċaħdet mill-prattika tagħha abitwali, dik li hija ddeskriviet. Fil-fatt, fl-ipoteżi fejn il-Kummissjoni kienet iċċaħdet, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, mill-prattika tagħha abitwali, il-motivazzjoni standard li hija pprovdiet fir-regolament ikkontestat ma kinitx suffiċjenti, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 25 u 26 iktar 'il fuq.

Fuq il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni ċċaħdet mill-prattika tagħha abitwali

42 B'risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali magħmula matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża ma kkontestatx li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqet, minn naħa, kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u, min-naħa l-oħra, analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq. Ir-Repubblika Franċiża ma tikkontestax li l-Kummissjoni segwiet, minn perspettiva formali, il-proċedura tas-soltu għall-finijiet tal-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fir-regolament ikkontestat.

43 Ir-Repubblika Franċiża tibbaża ruħha fuq żewġ elementi biex tiddikjara li r-regolament ikkontestat imur ferm lil hinn mir-regolament preċedenti. L-ewwel nett, hija tiddikjara li l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura jikkostitwixxi miżura bla preċedent għall-prodotti inkwistjoni. It-tieni nett, hija targumenta li l-Kummissjoni waqfet mill-prattika tagħha abitwali billi bbażat ruħha, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, fuq il-kuntest intern u fuq il-kuntest internazzjonali.

– Fuq l-argument fir-rigward tal-eżistenza ta' miżura bla preċedent

44 Ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Kummissjoni waqfet mill-prattika deċiżjonali tagħha għaliex l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni jikkostitwixxi miżura bla preċedent għall-prodotti inkwistjoni.

45 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-fatt biss li dan l-ammont ġie ffissat għall-ewwel darba għal żero għall-prodotti inkwistjoni ma jfissirx awtomatikament li l-Kummissjoni waqfet mill-prattika tagħha abitwali.

46 L-emenda tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni hija inerenti għas-sistema tal-iffissar perjodiku tal-ammont ta' dawn il-ħlasijiet lura, b'mod li l-istess motivazzjoni tista' tkopri ammonti tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni differenti ħafna.

47 Għandu wkoll jiġi rrilevat li, kif enfasizzat il-Kummissjoni, l-ammont assolut tat-tnaqqis kien tal-istess portata bħal dak taż-żewġ tnaqqisiet preċedenti (minn EUR 32.50/100 kg għal EUR 21.70/100 kg u sussegwentement għal EUR 10.85/100 kg). Barra minn hekk, għal prodotti oħra tas-settur tat-tjur, essenzjalment il-flieles, l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni kien diġà ġie ffissat għal żero fl-2011.

48 Sa fejn ir-Repubblika Franċiża targumenta li l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fir-regolamenti preċedenti kien jikkonċerna prodotti li jaqgħu taħt il-kategorija tal-annimali ħajjin li ma humiex paragunabbli mal-laħam tat-tjur li huwa s-suġġett tal-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fir-regolament ikkontestat, u li r-regolamenti preċedenti kienu intiżi għall-esportazzjonijiet lejn id-destinazzjonijiet kollha bl-eċċezzjoni tal-Istati Uniti, għandu jiġi rrilevat li dawn l-argumenti jibbażaw fuq interpretazzjoni wiesgħa wisq tal-kunċett ta' "miżura bla preċedent". Ma huwiex possibbli li jiġi ddikjarat li, kull darba li l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni għal prodott u destinazzjoni determinata huwa għall-ewwel darba ffissat għal żero, jirrigwarda miżura bla preċedent. Is-settur tat-tjur ġie kkaratterizzat minn tnaqqis progressiv tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u, għal parti mill-prodotti li taqa' taħt dan is-settur, l-ammont tal-ħlasijiet lura kien diġà ġie ffissat għal żero.

49 Kif tenfasizza l-Kummissjoni, l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ma jistax għalhekk jiġi kklassifikat f'daqqa. It-tnaqqis tal-ammont tal-imsemmija ħlasijiet lura minn EUR 10.85/100 kg għal 0 euro ma huwiex strutturalment differenti mit-tnaqqisiet preċedenti ta' EUR 32.50/100 kg għal EUR 21.70/100 kg u sussegwentement għal EUR 10.85/100 kg.

50 Sa fejn ir-Repubblika Franċiża tibbaża fuq is-sentenza Silos, punt 24 iktar 'il fuq (EU:C:2001:599), għandu jiġi rrilevat li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma bbażatx lilha nnifisha fuq l-unika ċirkustanza li l-ammont kien ġie ffissat għal żero sabiex jiġi kkonstatat li r-regolament inkwistjoni kien waqaf mill-prattika abitwali tal-Kummissjoni li kienet tikkonsisti fl-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni abbażi tad-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq globali. Hija bbażat lilha nnifisha wkoll fuq iċ-ċirkustanza li, ġimgħa biss qabel l-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni f'din il-kawża, il-Kummissjoni żiedet l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni biex iġġibu għal ECU 74.93 għal kull tunnellata. F'din il-kawża, għalhekk kien jirrigwarda tnaqqis f'daqqa tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, li apparentement ma setax jiġi spjegat minn emenda tas-sitwazzjoni tas-suq.

51 F'dan il-każ, it-tnaqqis ma jistax jiġi kklassifikat f'daqqa, għaliex huwa kien irreġistrat fil-kuntest ta' tnaqqis progressiv tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u għaliex l-ammont assolut tat-tnaqqis kien jikkorrispondi għal dak tat-tnaqqisiet preċedenti.

52 Barra minn hekk, ir-Repubblika Franċiża ammettiet, matul is-seduta, li l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ma kellux ikun motivat speċjalment meta huwa kien ordnat minn data ekonomika. Għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel parti tat-tieni motiv (ara l-punti 87 sa 142 li ġejjin), il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, ma kienx neċessarju li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv.

53 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-Repubblika Franċiża fir-rigward tal-eżistenza ta' miżura "bla preċedent" li jmur ferm lil hinn mir-regolamenti preċedenti peress li l-ammont tal-ħlasijiet lura għall-ewwel darba ġie ffissat għal żero għal ċerti prodotti.

– Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest intern u tal-kuntest internazzjonali.

54 Ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Kummissjoni waqfet mill-prattika tagħha abitwali billi bbażat lilha nnifisha, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, fuq il-kuntest intern u fuq il-kuntest internazzjonali, jiġifieri fuq il-perspettiva tad-dħul fis-seħħ futur tal-politika agrikola komuni (PAK) il-ġdida u fuq ir-riżultat mistenni tan-negozjati internazzjonali li jikkonċernaw il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

55 Il-Kummissjoni ssostni li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest intern u tal-kuntest internazzjonali ma jaqax taħt bidla fil-prattika għaliex jirrigwarda elementi li jagħmlu parti mill-kuntest ġenerali u li huma għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni matul kull iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura abbażi tal-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007.

56 Fir-rigward ta' din l-aħħar dikjarazzjoni, ir-Repubblika Franċiża ssostni li r-raġunament tal-Kummissjoni huwa inkoerenti, sa fejn din tal-aħħar tiddikjara, fil-punt 38 tar-risposta, li hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest intern u l-kuntest internazzjonali, filwaqt li, fil-punti 59 u 61 tar-risposta, hija tiddikjara biss li l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 ma jipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi.

57 Għandu jiġi kkonstatat li ma jeżisti ebda obbligu għall-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni n-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO jew il-finalizzazzjoni tat-testi legali li jinkludu bidliet ta' orjentazzjonijiet politiċi. Fil-fatt, xejn ma jobbliga lill-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, il-fatt li n-negozjati li jikkonċernaw it-tneħħija tagħhom huma kontinwi fi ħdan id-WTO, sakemm dawn in-negozjati ma wasslux għall-konklużjoni ta' ftehim vinkolanti. Fir-rigward tal-iżvilupp tal-PAK, għandu jiġi rrilevat li huwa biss fis-17 ta' Diċembru 2013 li regolament ġie adottat li jipprovdi, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, li l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv huma biss mogħtija f'każ ta' kriżi [ara l-Artikolu 196(1) u (3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 232(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u Nru 1234/2007 (ĠU L 347, p. 671)]. Il-Kummissjoni ma kienet b'ebda mod obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-orjentazzjonijiet politiċi l-ġodda, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, qabel l-1 ta' Jannar 2014, id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet il-ġodda inkwistjoni.

58 Madankollu, kien ċertament possibbli għall-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura, l-iżvilupp futur tal-PAK u n-negozjati fi ħdan id-WTO, għalkemm dawn l-elementi ma humiex espliċitament previsti mill-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 (ara, għal iktar dettalji, punti 143 sa 158 iktar 'il quddiem).

59 Madankollu għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni, meta tieħu inkunsiderazzjoni elementi li ma humiex espliċitament previsti mill-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, għandha ssemmi espressament dawn l-elementi fil-motivazzjoni ta' regolament li jiffissa l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

60 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-adozzjoni ta' atti ta' portata ġenerali tinsab dejjem f'kuntest politiku u ekonomiku ġenerali. Anki jekk l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 jipprovdi espliċitament ċerti kriterji li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-adozzjoni ta' regolament li jiffissa l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni sseħħ f'dan il-kuntest li jista', jekk ikun il-każ, jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

61 Għandu jiġi rrilevat li ma huwiex dejjem neċessarju li jissemma dan il-kuntest ġenerali fil-motivazzjoni ta' regolament. Fil-fatt, fid-dawl tal-fatt li huwa ċertament normali li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest politiku u ekonomiku ġenerali, l-uniku fatt li hija tagħmel dan ma timplikax li taġixxi barra mill-prattika tagħha abitwali. Barra minn hekk, il-kuntest politiku u ekonomiku ġenerali huwa normalment magħruf tal-operaturi kkonċernati.

62 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-elementi li ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni f'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

63 Fl-ewwel lok, in-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO li jikkonċernaw tħassir jew limitazzjoni tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni jagħmlu parti mill-kuntest ġenerali li ma għandux neċessarjament jissemma fil-motivazzjoni ta' regolament li jiffissa l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

64 Fil-fatt, peress li s-sistema tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni hija s-suġġett ta' kritiki fil-livell internazzjonali u peress li l-Kummissjoni hija impenjata, ikkundizzjonata mill-konklużjoni ta' ftehim, li tneħħi l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, dan jinvolvi element li jista' jeżerċita influwenza fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni. Għandu jiġi osservat li l-impenn, ikkundizzjonat mill-konklużjoni ta' ftehim, li jitneħħew il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni għall-aħħar tas-sena 2013, diġà kien ittieħed fl-2005 fil-kuntest taċ-ċiklu ta' Doha tad-WTO.

65 Barra minn hekk, kif tirrileva l-Kummissjoni, essenzjalment, in-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO jagħmlu parti mill-kuntest li huwa magħruf tal-operaturi kkonċernati. Fil-fatt, huwa naturali li l-operaturi attivi fil-qasam tal-esportazzjoni tat-tjur lejn pajjiżi terzi jsegwu mill-qrib in-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO li jikkonċernaw il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

66 Dawn in-negozjati kontinwi jagħmlu parti minn kuntest ġenerali li jista' jwassal lill-Kummissjoni li jkollha t-tendenza li turi lilha nnifisha iktar eżitanti matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

67 Fid-dawl tal-fatt li huwa normali li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ġenerali, it-teħid inkunsiderazzjoni tan-negozjati kontinwi ma timplikax li l-Kummissjoni waqfet mill-prattika abitwali tagħha.

68 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-orjentazzjonijiet politiċi futuri, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

69 Fil-mument tal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, ir-riforma tal-PAK kien is-suġġett ta' ftehim politiku u t-testi leġiżlattivi kienu s-suġġett ta' raffinament.

70 Skont dan il-ftehim politiku, il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv kien ikollhom biss jingħataw f'każ ta' kriżi (ara, fir-rigward tar-regolament f'dan is-sens, li ġie adottat fl-20 ta' Diċembru 2013, punt 57 iktar 'il fuq).

71 Madankollu, ftehim politiku fuq l-orjentazzjonijiet futuri tal-PAK jagħmel parti mill-kuntest politiku u ekonomiku ġenerali li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni. Fil-fatt, jekk huwa prevedibbli li l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ser ikun f'futur fil-qrib iffissat b'mod permanenti għal żero, ħlief fil-każ ta' kriżi fis-suq, dan jista' jwassal lill-Kummissjoni li jkollha tendenza li tbaxxi l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

72 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-orjentazzjonijiet politiċi futuri jagħmlu parti mill-kuntest ġenerali li huwa magħruf tal-operaturi kkonċernati.

73 It-teħid inkunsiderazzjoni tan-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO u orjentazzjonijiet politiċi futuri ma kienx jinneċessita għalhekk li jissemma b'mod espliċitu fil-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat, ħlief jekk dawn l-elementi kienu jagħmlu parti mhux biss tal-kuntest politiku u ekonomiku, li ttieħed inkunsiderazzjoni matul l-iffissar tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, iżda kienu l-loġika wara r-regolament ikkontestat.

74 F'dan il-każ, ir-Repubblika Franċiża ammettiet, matul is-seduta, li l-Kummissjoni kienet ikkalkolat l-ammont teoretiku tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, jirriżulta mill-analiżi tat-tieni motiv li l-Kummissjoni wettqet analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq li ppermettitilha li tikkunsidra, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li s-sitwazzjoni fis-suq kienet stabbli u li ma kienx neċessarju li jiġu ffissati ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv (ara l-punti 87 sa 142 iktar l-isfel).

75 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm ebda raġuni li wieħed jaħseb li n-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO u l-orjentazzjonijiet politiċi futuri kienu l-loġika wara r-regolament ikkontestat.

76 Matul is-seduta, il-Kummissjoni kkonfermat li l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni kien jispjega ruħu bl-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq u li la n-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO u lanqas l-orjentazzjonijiet futuri tal-PAK ma kienu elementi ewlenin matul dan l-iffissar.

77 Ir-Repubblika Franċiża ddikjarat, matul is-seduta, li l-Kummissjoni kienet ħierġa mill-analiżi ekonomika billi imponiet l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni biex tkun konformi mal-pożizzjoni tagħha fin-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO, ikun li jkun ir-riżultat tal-analiżi ekonomika.

78 Madankollu r-Repubblika Franċiża ma qajmitx argumenti li jippermettu li tiġi kkonfermata din it-teżi. Sakemm ir-Repubblika Franċiża tiddikjara li l-Kummissjoni kienet hija stess aċċettat, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar indikat biss li n-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO u l-orjentazzjonijiet il-ġodda tal-PAK kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, iżda li hija qatt ma ddikjarat li kienu jikkostitwixxu jew il-loġika jew inkella fatturi prinċipali tal-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura. Fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Franċiża li jgħid, minn perspettiva ekonomika, li ħlas lura huwa neċessarju, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-argument ma huwiex fondat, kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel parti tat-tieni motiv. Il-fatt biss li l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta lok għal riżultat pożittiv b'ebda mod ma jeskludi li l-analiżi tas-suq iwassal lill-Kummissjoni li tiffissa għal żero l-ammont tal-ħlasijiet lura (ara punti 94 sa 99 iktar 'il quddiem). Iċ-ċirkustanza li kienet teżisti diverġenza bejn ir-riżultat tal-kalkolu teoretiku u l-ammont li ġie ffissat fir-regolament ikkontestat ma tippermettix għalhekk li jiġi kkunsidrat li n-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO jew l-orjentazzjonijiet futuri tal-PAK ikkostitwixxew jew il-loġika jew inkella element prinċipali tal-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

79 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ma ċċaħditx mill-prattika abitwali tagħha u kienet tista' għalhekk tillimita lilha nnifisha li tipprovdi motivazzjoni standard, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 iktar 'il fuq, u li t-teħid inkunsiderazzjoni tan-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO u orjentazzjonijiet politiċi futuri ma kellhomx bżonn li jissemmew b'mod speċifiku fil-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat.

Fuq l-argumenti l-oħra mqajma mir-Repubblika Franċiża

80 Ir-Repubblika Franċiża tikkritika lill-Kummissjoni li kienet limitata li telenka l-elementi li fuqhom, skont l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, hija obbligata li tibbaża lilha nnifisha matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, mingħajr ma tispeċifika fuq liema minn dawn l-elementi kienet b'mod iktar partikolari bbażata u lanqas l-evalwazzjoni li kienet setgħet tagħmel. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni tosserva ġustament li hija ma hijiex obbligata li telenka f'ordni ta' importanza l-kriterji li fuqhom ibbażat b'mod iktar partikolari d-deċiżjoni tagħha jew li tindika ipoteżijiet fattwali li żammet insostenn tal-analiżi tagħha.

81 Barra minn hekk, ir-Repubblika Franċiża tikkunsidra li, fir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni b'ebda mod ma speċifikat l-elementi li fuqhom kienet ibbażat l-evalwazzjoni tagħha u li din il-motivazzjoni hija ekwiparabbli għal assenza ta' motivazzjoni.

82 Għandu jiġi rrilevat li jirriżulta mill-punt 19 tas-sentenza Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, punt 24 iktar 'il fuq (EU:C:1990:71), li, peress li motivazzjoni standard hija biżżejjed għaliex il-Kummissjoni kienet tinsab matul l-adozzjoni tal-att inkwistjoni fi prattika deċiżjonali stabbilita, ir-riferiment fl-att inkwistjoni "għall-bażijiet legali applikabbli" kien jissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni semmiet il-bażijiet legali applikabbli għall-iffissar tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fil-premessi tar-regolament ikkontestat, b'mod partikolari fil-premessa 2.

83 Barra minn hekk, ir-Repubblika Franċiża targumenta li, fil-każ fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari l-obbligu li tkun motivata d-deċiżjoni b'mod suffiċjenti, għandha importanza iktar fundamentali.

84 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li s-sentenzi ċċitati fil-punti 24 u 28 iktar 'il fuq, li jipprovdu li huwa possibbli għall-Kummissjoni li tirrikorri għall-motivazzjonijiet standard meta hija titqiegħed fil-kuntest ta' prattika deċiżjonali stabbilita, li kienu jikkonċernaw każijiet li jaqgħu taħt il-qasam tal-agrikoltura. Din il-ġurisprudenza ma tistax għalhekk tkun imminata minħabba li l-Kummissjoni għandha ġeneralment, f'dan il-qasam, marġni wiesa' ta' diskrezzjoni.

85 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-motivazzjoni tar-regolament ikkontestat kienet suffiċjenti. Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

2. *Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007*

86 It-tieni motiv jinqasam f'żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq evalwazzjoni manifestament żbaljata tas-sitwazzjoni tas-suq u, it-tieni waħda, li l-Kummissjoni manifestament qabżet il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha billi ħadet inkunsiderazzjoni, għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, l-elementi mhux previsti fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq evalwazzjoni manifestament żbaljata tas-sitwazzjoni tas-suq

87 Ir-Repubblika Franċiża tqis li, billi tikkunsidra li s-sitwazzjoni tas-suq kienet tiġġustifika ffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

88 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Repubblika Franċiża.

89 Għandu preliminarjament jitfakkar, li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi mogħtija lilu taħt l-Artikoli 40 TFUE sa 43 TFUE. Konsegwentement, l-istħarriġ tal-qorti għandu jkun limitat għall-verifika ta' jekk il-miżura inkwistjoni hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew b'abbuż ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni qabżitx, b'mod manifest, il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle, C-545/11, Ġabra, EU:C:2013:169, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq ċerti premessi li fuqhom huwa bbażat ir-raġunament tar-Repubblika Franċiża

90 Għandu jiġi rrilevat li l-argumentazzjoni tar-Repubblika Franċiża hija bbażata fuq premessa żbaljata li tikkonċerna l-loġika wara l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

91 Ir-Repubblika Franċiża ssostni, fir-replika, li mill-Artikolu 162(1) tar-Regolament Nru 1234/2007 jirriżulta li l-loġika wara l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni hija li tkopri d-differenza bejn il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet tas-suq globali u l-prezzijiet fl-Unjoni.

92 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-loġika wara l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni hija li tippermetti lill-Unjoni li tbigħ l-eċċessi tagħha, preżenti fis-suq domestiku, tal-prodott inkwistjoni lejn pajjiż terz (ara d-digriet tas-26 ta' Settembru 2013, Tilly-Sabco vs Il-Kummissjoni, T-397/13 R, EU:T:2013:502, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-għan tas-sistema tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ma hijiex li tissussidja esportatur ikun min ikun, iżda li tiffaċilita, jekk ikun meħtieġ, l-esportazzjonijiet fil-kuntest tat-twettiq tal-għanijiet tal-PAK, kif previsti fl-Artikolu 39 TFUE, jiġifieri, b'mod partikolari, biex is-swieq jiġu stabbilizzati u biex jiġi żgurat livell tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola kif ukoll prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi (digriet Tilly-Sabco vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, EU:T:2013:502, punt 30).

93 Il-fatt li tiġi koperta d-differenza bejn il-kwotazzjonijiet jew il-prezzijiet tas-suq globali u l-prezzijiet fl-Unjoni ma hijiex għalhekk il-loġika wara l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, iżda biss motiv li jservi biex jippermetti lill-Unjoni li tbigħ l-eċċessi tagħha lejn pajjiż terz biex tiżgura, b'mod partikolari, l-istabbiltà tas-suq tagħha. B'hekk, l-Artikolu 164(3)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007 jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni "l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni li huma li jkun żgurat l-ekwilibriju u l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet u kummerċ f'dan is-suq".

94 L-argumentazzjoni tar-Repubblika Franċiża hija, barra min hekk, ibbażata fuq il-premessa li tipprovdi li l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-prodott ikkunsidrat fi ħdan l-Unjoni u fis-suq globali jikkostitwixxu fattur ewlieni matul l-iffissar tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

95 Matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża żiedet tgħid li l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, ibbażat fuq id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq globali, kien jikkostitwixxi fattur ewlieni matul l-iffissar tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u li l-ammont tal-ħlas lura li jirriżulta mill-kalkolu teoretiku jista' biss jiġi "aġġustat" minħabba l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq. Hija tikkunsidra barra minn hekk li huwa biss f'każ ta' kriżi gravi fis-suq li l-analiżi tas-suq għandu preċedenza fuq ir-riżultat tal-kalkolu teoretiku. Fil-fehma tagħha, l-analiżi

tas-suq jista' dejjem "jvarja bi ftit" l-ammont tal-ħlas lura, iżda l-unika ipoteżi, li fiha huwa possibbli għall-Kummissjoni li ma tagħtix ħlas lura minkejja li ħlas lura huwa "neċessarju" hija l-ipoteżi ta' defiċit tal-laħam tat-tjur fis-suq tal-Unjoni.

96 Madankollu, dawn il-premessi huma żbaljati. Fil-fatt, skont il-kliem tal-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni "wieħed jew aktar" mill-elementi previsti minn din id-dispożizzjoni. Skont dawn il-kliem, huwa possibbli wkoll għall-Kummissjoni li tibbaża lilha nnifisha fuq wieħed biss mill-elementi previsti minn din id-dispożizzjoni. Din id-dispożizzjoni lanqas ma tistabbilixxi ġerarkija bejn dawn l-elementi differenti. Xejn ma jeskludi li l-Kummissjoni tista' tagħti importanza partikolari, pereżempju, lill-element li jinsab fl-Artikolu 164(3)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007, jiġifieri, "l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni li huma li jkun żgurat l-ekwilibriju u l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet u kummerċ f'dan is-suq". Il-Kummissjoni tista' għalhekk, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, tagħti iktar importanza lir-riżultat tal-analiżi tas-suq milli lir-riżultat tal-kalkolu teoretiku.

97 Id-dikjarazzjoni tar-Repubblika Franċiża li tgħid li l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq tippermetti biss li "jiġi aġġustat" ir-riżultat tal-kalkolu ma ssib ebda sostenn fir-Regolament Nru 1234/2007. Dan japplika wkoll għat-teżi tar-Repubblika Franċiża li tgħid li l-unika ipoteżi li fiha huwa possibbli għall-Kummissjoni li ma tawtorizzax il-ħlas lura minkejja li ħlas lura huwa "neċessarju" hija l-ipoteżi ta' defiċit fil-laħam tat-tjur fis-suq tal-Unjoni.

98 Għandu jiġi rrilevat li, meta r-Repubblika Franċiża tagħmel riferiment, f'dan il-kuntest, għal "ħlas lura neċessarju", huwa fir-rigward tar-riżultat tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlas lura. Dan il-kalkolu teoretiku jikkonċerna biss il-kwistjoni jekk ħlas lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv huwa "neċessarju" għall-esportaturi tal-laħam tat-tjur sabiex ikunu f'pożizzjoni li jbigħu l-prodotti tagħhom fir-reġjuni kkonċernati permezz ta' dawn il-ħlasijiet lura. Madankollu, fil-kuntest tal-analiżi globali tas-sitwazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tikkunsidra s-sitwazzjoni partikolari tal-impriżi esportaturi. Anki jekk ħlas lura tal-esportazzjoni huwa "neċessarju" għall-esportaturi sabiex ikunu f'pożizzjoni li jbigħu l-prodotti tagħhom, dan ma jfissirx li huwa "neċessarju" fid-dawl tas-sitwazzjoni globali tas-suq, li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv.

99 Huwa possibbli li l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq tippermetti lill-Kummissjoni li tikkunsidra li s-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni hija stabbli u li ma huwiex neċessarju li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura ta' ammont pożittiv biex is-swieq jiġu stabbilizzati u biex jiġi żgurat livell tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola. F'din is-sitwazzjoni, huwa possibbli għall-Kummissjoni li ma tagħtix ħlasijiet lura tal-esportazzjoni jew li tiffissa l-ammont tagħhom għal żero, anki jekk ir-riżultat tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni huwa pożittiv. Tali ipoteżi ma hijiex limitata għal sitwazzjonijiet li fihom jeżisti defiċit tal-laħam tat-tjur jew kriżi gravi fis-suq tal-Unjoni.

100 Għandhom jiġu analizzati issa l-elementi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha matul l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet tagħha pprovduti matul din il-proċedura, u, sussegwentement, li jiġu analizzati l-argumenti konkreti mqajma mir-Repubblika Franċiża insostenn tal-argumentazzjoni tagħha li tgħid li l-Kummissjoni evalwat is-sitwazzjoni tas-suq b'mod manifestament żbaljat.

Fuq l-elementi li fuqhom ibbażat il-Kummissjoni matul l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni

101 Il-Kummissjoni rrilevat, fir-risposta, li, matul l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni fir-regolament ikkontestat, b'mod partikolari hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-elementi li ġejjin:

— il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq domestiku kienu għoljin, sostnuti minn domanda domestika qawwija;

— il-profitti tal-produtturi abbażi tal-ispiża tal-ikel kienu 'il fuq mill-medju storiku minkejja prezz tal-ikel għoli minn diversi xhur; barra minn hekk, l-ispiża taċ-ċereali, wara li laħqet livelli storiċi, kellha titbaxxa;

— l-esportazzjonijiet mal-ħlasijiet lura kienu komplew jiżdiedu minkejja tliet tnaqqisiet suċċessivi tal-ammont tal-ħlasijiet lura (minn 7 % għall-ewwel ħames xhur tas-sena 2013);

— l-esportazzjonijiet tal-laħam tat-tjur kienu żdiedu (minn 0.6 % fil-volum u minn 1 % fil-valur għall-ewwel ħames xhur tas-sena 2013), inklużi dawk tal-prodotti mingħajr ħlasijiet lura li kienu jirrappreżentaw l-ikbar parti mill-esportazzjonijiet, li wera l-kompetittività tas-settur;

— il-perspettivi ta' żvilupp tas-suq kienu tajbin bi previżjonijiet ta' tkabbir Ewropew tal-produzzjoni tal-laħam tat-tjur ta' 0.7 %, imbuttat miż-żieda tad-domanda fis-suq domestiku u fis-suq internazzjonali;

— min-naħa l-oħra, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prezzijiet għoljin tat-tiġieġ fis-suq domestiku, tal-ispiża għolja tal-ikel u tad-devalwazzjoni tar-Real Brażiljan (BRL), id-differenzjali tal-prezzijiet mat-tjur mill-Brażil kien stmat għal EUR 44.73/100 kg;

— ittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tar-rati tal-kambju.

102 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq u tal-iżvilupp tiegħu, il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ma kinux neċessarji biex jiżguraw l-ekwilibriju tas-suq, b'mod partikolari fl-Unjoni, kif ukoll l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet.

103 Mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni jirriżulta li, għalkemm ir-riżultat tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura ġie pożittiv, hija kkunsidrat li s-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni kienet stabbli u li kien neċessarju li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv biex tkun żgurata l-istabbiltà fis-suq u l-iżvilupp naturali ta' prezzijiet. Għalhekk hija tat importanza partikolari lill-kriterju li jidher fl-Artikolu 164(3)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007.

104 Għandu jiġi rrilevat li l-elementi bħal żieda fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, l-eżistenza ta' profitt tal-produtturi tal-Unjoni ogħla mill-medja storika u żieda tal-esportazzjonijiet huma elementi li kienu jippermettu fil-prinċipju għall-Kummissjoni li tikkunsidra, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li s-sitwazzjoni fis-suq tal-Unjoni kienet stabbli u li ma kienx neċessarju li jiġu ffissati l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-suq.

105 Għalhekk għandhom jiġu analizzati l-argumenti konkreti mqajma mir-Repubblika Franċiża dwar żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li wettqet il-Kummissjoni.

Fuq l-argumenti konkreti mqajma mir-Repubblika Franċiża li jikkonċernaw l-evalwazzjoni manifestament żbaljata tas-sitwazzjoni tas-suq.

106 Ir-Repubblika Franċiża ssostni li, fir-rigward tal-iżvilupp tal-prezzijiet fi ħdan l-Unjoni u tal-prezzijiet fis-suq globali tal-prodott ikkunsidrat, l-analiżi mressqa mill-Kummissjoni matul il-laqgħa tat-18 ta' Lulju 2013 tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli fuq il-bażi ta' dokument intitolat "EU Market situation for poultry" (is-sitwazzjoni tas-suq tat-tjur tal-Unjoni; iktar 'il quddiem id-"dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni") hija manifestament żbaljata.

107 Ir-Repubblika Franċiża tirrileva li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq kienu żdiedu. Hija tiddikjara li, b'dan il-mod, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-varjabbli li jkollha r-rata tal-kambju bejn l-euro u d-dollaru tal-Istati Uniti (USD) u li teħid inkunsiderazzjoni ta' din il-varjabbli kien iwassal lill-Kummissjoni li tikkonstata li l-prezzijiet globali tal-laħam tat-tjur kienu baqgħu stabbli globalment jew mill-inqas kienu żdiedu biss bi ftit.

108 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Franċiża tirrileva li l-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq globali għaddew minn xi USD 185/100 kg sa USD 204/100 kg matul is-sena li ppreċediet l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, jiġifieri żieda ta' 9.3 %, iżda li din iż-żieda ġiet f'parti l-kbira kkumpensata mill-evalwazzjoni ta' 6.5 % tal-euro kkonfrontat mad-dollaru tal-Istati Uniti matul l-istess perijodu.

109 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat, li, anki jekk tittieħed inkunsiderazzjoni d-data f'ċifri pprovduta mir-Repubblika Franċiża, ma jidhirx li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonstatat żieda tal-prezzijiet fis-suq globali. Ir-Repubblika Franċiża tammetti li ż-żieda fil-prezzijiet ta' 9.3 % "f'parti l-kbira", iżda mhux integralment, ġiet ikkompensata mir-rivalutazzjoni tal-euro kkofrontat mad-dollaru tal-Istati Uniti. Għandu jiġi rrilevat li żieda, anki jekk relattivament baxxa, tibqa' żieda.

110 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċifri li jikkonċernaw il-prezzijiet fis-suq globali li fuqhom tibbaża r-Repubblika Franċiża (żieda minn USD 185/100 kg sa USD 204/100 kg) li tikkorrispondi għaċ-ċifri li ġew ikkomunikati mill-operaturi lill-Kummissjoni, kif ikkonfermat ir-Repubblika Franċiża b'risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali magħmula matul is-seduta. Huwa fir-rigward tal-prezz tal-bejgħ għal destinazzjoni, jiġifieri lil-Lvant Nofsani. Għalhekk huwa fir-rigward tad-data biċ-ċifri meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni matul kalkolu tal-ammont teoretiku tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

111 Matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża rrilevat li r-riżultat tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura mwettqa mill-Kummissjoni kien jikkorrispondi, fil-konjizzjoni tagħha, ftit fil-qrib taċ-ċifra li għaliha kienu waslu l-operaturi kkonċernati. Għalhekk ir-Repubblika Franċiża ma tiddikjarax li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu teoretiku. B'mod partikolari, hija ma tiddikjarax li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod ħażin l-ammont teoretiku tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni minħabba assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-varjazzjonijiet tar-rati tal-kambju, matul il-paragun tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u fis-suq globali.

112 Fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Franċiża li jgħid li l-Kummissjoni stmat bi żball, fuq il-bażi tad-data li tidher fil-paġna 18 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni, li l-prezz tal-laħam tat-tjur kien żdied fis-suq globali, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

113 Il-paġna 18 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni turi l-iżvilupp tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, tal-Istati Uniti u tal-Brażil. Dawn il-prezzijiet huma kollha espressi f'euros, li jfisser li jieħdu inkunsiderazzjoni l-varjazzjoni tar-rati tal-kambju tad-dollaru tal-Istati Uniti u tar-real Brażiljan fir-rigward tal-euro.

114 Għandu jiġi rrilevat li d-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni jikkonċerna fuq kollox l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq. Fil-kuntest tal-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-impriżi li jesportaw il-prodotti kkonċernati mill-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet ikkonċernati, iżda hija tista' tikkunsidra s-sitwazzjoni globali tas-suq.

115 L-għażla tal-Kummissjoni li ma tippreżentax lill-Kumitat ta' Ġestjoni l-prezzijiet tal-bejgħ tal-esportaturi lil-Lvant Nofsani tista' tiġi spjegata bil-fatt li d-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni ma huwiex intiż sabiex jispjega l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, iżda fuq kollox li jippreżenta s-sitwazzjoni tas-suq. B'risposta għal domanda magħmula f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża kkonfermat li hija kienet konxja tal-prattika tal-Kummissjoni li tikkonsisti li żżomm internament id-dettalji tal-kalkolu tal-ammont teoretiku tal-ħlasijiet lura kif ukoll ir-riżultat ta' dan il-kalkolu u li ma tikkomunikax dawn l-elementi lill-Kumitat ta' Ġestjoni.

116 Matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża qajmet il-kwistjoni għaliex il-Kummissjoni ma tissottomettix lill-Kumitat ta' Ġestjoni d-data li fuqha hija tibbaża l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni kif ukoll ir-riżultat ta' dan il-kalkolu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Franċiża ma qajmitx motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kumitat ta' Ġestjoni kien ġie mqarraq fuq punt essenzjali mill-ommissjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni. Barra minn hekk ir-Repubblika Franċiża ma targumentax li hija stess jew Stat Membru ieħor kien għamel domanda fir-rigward tal-kalkolu teoretiku matul il-laqgħa tal-Kumitat ta' Ġestjoni u li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tirrispondi għal din id-domanda.

117 Ir-Repubblika Franċiża targumenta barra minn hekk li t-tnaqqis tal-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq Brażiljan matul is-sena preċedenti għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, kif hija tidher fid-data biċ-ċifri li tidher fil-paġna 18 sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni, kellu effett ħafna iktar b'saħħtu fil-prezzijiet globali miż-żieda fil-prezzijiet fis-suq Amerikan, kif hija tidher ukoll fid-data biċ-ċifri li tidher f'din l-istess paġna, b'mod li l-prezzijiet globali tal-laħam tat-tjur ma kinux żdiedu matul is-sena preċedenti għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat.

118 Dan l-argument ma setax jiġi aċċettat. Jekk huwa eżatt li l-prezzijiet fil-Brażil jittieħdu inkunsiderazzjoni matul il-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, meta huma disponibbli u aġġornati (ara punt 35 iktar 'il fuq), din ma tfissirx li, fil-kuntest tal-analiżi tas-sitwazzjoni globali tas-suq, il-Kummissjoni hija obbligata li tibbaża l-analiżi tagħha li tikkonċerna l-iżvilupp tal-prezz fis-suq globali qabel kollox fuq il-prezzijiet fil-Brażil.

119 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-paġna 18 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni turi l-iżvilupp tal-prezzijiet fuq perijodu twil, jiġifieri fuq il-perijodu mill-2009 sal-2013.

120 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni ma huwiex intiż li jispjega l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, iżda fuq kollox li jippreżenta s-sitwazzjoni globali tas-suq. Jekk il-kalkolu teoretiku jieħu inkunsiderazzjoni l-iżvilupp tal-prezzijiet fuq perijodu qasir, huwa possibbli għall-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, biex tevalwa s-sitwazzjoni tas-suq, l-iżvilupp tal-prezzijiet fuq perijodu twil.

121 Mill-paġna 18 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni jirriżulta ċarament li t-tendenza fuq perijodu twil tal-prezzijiet tat-tiġieġ fl-Unjoni u fl-Istati Uniti kienet għal żieda.

122 Fir-rigward il-prezzijiet tat-tiġieġ fil-Brażil, mill-paġna 18 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni jirriżulta li, fl-aħħar tal-perijodu kkunsidrat, kien hemm tnaqqis fil-prezzijiet. Madankollu, ma kienx hemm tendenza għat-tnaqqis tal-prezzijiet fil-Brażil, għalkemm il-perijodu kollu kkunsidrat mill-2009 sal-2013 ittieħed inkunsiderazzjoni.

123 Fid-dawl tat-tendenza ċara għaż-żieda fil-prezzijiet tat-tiġieġ fl-Istati Uniti, u fl-assenza ta' tendenza għat-tnaqqis fil-prezzijiet fil-Brażil fuq perijodu twil, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonstatat li l-prezzijiet fis-suq globali kienu żdiedu.

124 Ir-Repubblika Franċiża tiddikjara li l-Kummissjoni kien imissha pparagunat, minn naħa, il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fil-Lvant Nofsani.

125 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ġustament ipparagunat dawn il-prezzijiet, u dan fil-kuntest tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

126 L-argument tar-Repubblika Franċiża li jgħid li tali paragun kien imissu neċessarjament wassal lill-Kummissjoni biex iżżomm inkella li żżid l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-kalkolu teoretiku għandu jikkostitwixxi fattur ewlieni matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni u li tgħid li l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq tippermetti biss li "jiġi aġġustat" dan l-ammont.

127 Barra minn hekk, ir-Repubblika Franċiża targumenta li, minħabba d-devalwazzjoni tar-real Brażiljan li seħħet fl-2012, il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fil-Lvant Nofsani pjuttost kienu jistgħu jnaqqsu u li, fi kwalunkwe każ, ma kinux jistgħu jżidu u wisq inqas iżidu b'mod ikbar, il-prezzijiet tal-laħam tat-tjur fis-suq tal-Unjoni. Hija ssostni li l-Kummissjoni kien imissha tikkonstata li d-distakk bejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fis-suq tal-Lvant Nofsani ma kienx jista' jitnaqqas u li kien anki probabbli li tali distakk jiżdied fuq il-perijodu li ġej u li, konsegwentement, it-teħid inkunsiderazzjoni, skont l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, tal-perspettivi ta' żvilupp tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u fis-suq globali kien imissu jwassal lill-Kummissjoni, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, li żżomm, inkella li żżid, l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni għal-laħam tat-tjur.

128 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-distakk bejn, minn naħa, il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-prezzijiet tal-bejgħ lil-Lvant Nofsani jikkonċerna l-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni. L-argument tar-Repubblika Franċiża huwa għalhekk ibbażat fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-riżultat tal-kalkolu teoretiku bħala fattur ewlieni matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni.

129 Wieħed għandu jżid jgħid li l-argument tar-Repubblika Franċiża jerġa' jiddikjara li ż-żieda fil-prezzijiet fi ħdan l-Unjoni kienet fattur li kellu jwassal lill-Kummissjoni li żżid l-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, għaliex din iż-żieda żiedet id-distakk bejn il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet fil-Lvant Nofsani, u għalhekk ir-riżultat tal-kalkolu teoretiku. Madankollu, din l-argumentazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li żieda fil-prezzijiet tal-prodott inkwistjoni fis-suq tal-Unjoni huwa fattur li jsostni sitwazzjoni stabbli f'dan is-suq u għalhekk jista' jkun wieħed mill-fatturi li jista' jwassal lill-Kummissjoni li ma tagħtix ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, jew li tiffissa għal żero l-ammont tagħhom. Fil-fatt, sitwazzjoni diġà stabbli fis-suq tal-Unjoni tista' twassal lill-Kummissjoni li tikkunsidra li l-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv ma humiex neċessarji biex ibigħu l-eċċessi u jiżguraw l-istabbiltà tas-suq.

130 Ir-Repubblika Franċiża tiddikjara barra minn hekk li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni ż-żieda sensittiva ħafna tal-prezz taċ-ċereali u tas-soja fis-suq globali, li għandha bħala effett mekkaniku li żżid l-ispiża tal-ikel tat-tjur u, konsegwentement, iżżid b'mod sensittiv ħafna l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-laħam tat-tjur għal dawk li jrabbu fl-Unjoni.

131 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-profitti tal-produtturi abbażi tal-ispiża tal-ikel kienu 'il fuq mill-medja storika minkejja prezz tal-ikel għoli minn diversi xhur; barra minn hekk, l-ispiża taċ-ċereali, wara li laħqet livelli storiċi, fil-fehma tagħha, kellha titbaxxa.

132 Għandu jiġi rrilevat li, fil-paġni 8 u 9 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni, l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-ikel għat-tiġieġ huwa indikat. Barra minn hekk, il-paġna 10 tal-istess dokument tindika l-profitt tal-produtturi abbażi tal-ispiża tal-ikel tat-tiġieġ.

133 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm l-ebda raġuni li wieħed jaħseb li ż-żieda tal-ispiża tal-ikel ma ttiħditx inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

134 Mistoqsija fuq dan il-punt matul is-seduta, ir-Repubblika Franċiża llimitat lilha nfisha li tiddikjara li l-fatt biss li l-Kummissjoni kienet indikat iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fit-tabella sottomessa lill-Kumitat ta' Ġestjoni ma kinitx turi li hija kienet effettivament ħadet inkunsiderazzjoni dan il-fattur.

135 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li huwa l-obbligu tar-Repubblika Franċiża li għandha turi li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni. Id-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni, li ġie prodott mir-Repubblika Franċiża fl-anness għar-rikors tagħha u li fuqu hija tibbaża, turi l-analiżi tas-sitwazzjoni tas-suq magħmula mill-Kummissjoni u għalhekk tagħti informazzjoni fuq il-fatturi li din tal-aħħar ħadet inkunsiderazzjoni matul din l-analiżi. Jekk ir-Repubblika Franċiża tikkunsidra li fattur ma tteħidx inkunsiderazzjoni, għalkemm jidher fid-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni, hija l-obbligu tagħha li tipprovdi fatturi konkreti li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni xorta ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan il-fattur.

136 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanza li l-profitt tal-produtturi abbażi tal-ispiża tal-ikel kienu 'il fuq mill-medja storika, minkejja żieda tal-ispiża tal-ikel, kien preċiżament fattur ewlieni favur sitwazzjoni stabbli fis-suq tal-Unjoni. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' tali ċirkustanza tfisser li l-Kummissjoni neċessarjament ħadet inkunsiderazzjoni ż-żieda tal-ispiża tal-ikel, li jikkostitwixxi wieħed mill-fatturi ta' dan il-kalkolu.

137 It-tielet nett, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, id-differenza ta' prezz hija kkalkolata fuq il-bażi tad-differenza bejn il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid fi Franza kkalkolat fuq bażi fob u l-prezz tal-bejgħ għal destinazzjoni (ara punt 35 iktar 'il fuq). It-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispiża ta' bejgħ mill-ġdid ifisser li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tal-ikel. Kif spjegat il-Kummissjoni, b'risposta għad-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-prezz ta' bejgħ mill-ġdid fi Franza huwa kkalkolat billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-ispiża tal-ikel, l-ispiża tat-tjur ħajjin, l-ispiża tat-tjur mejta, l-ispiża tal-"biċċerija" u l-ispiża tal-iffissar ta' fob. Barra minn hekk għandu jitfakkar li r-Repubblika Franċiża ma tiddikjarax li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu teoretiku tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni (ara punt 111 iktar 'il fuq).

138 B'risposta għall-argument imqajjem mill-Kummissjoni fir-risposta, li jgħid li l-esportazzjonijiet tal-laħam tat-tjur kienu żdiedu, ir-Repubblika Franċiża tiddikjara li, b'żieda tal-esportazzjonijiet tal-laħam tat-tjur ta' 0.6 % fil-volum u ta' 1 % fil-valur għall-ewwel ħames xhur tas-sena 2013, il-Kummissjoni kien imissha kkunsidrat li l-esportazzjonijiet kienu baqgħu stabbli f'dan il-perijodu.

139 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li żieda, anki jekk baxxa, tibqa' żieda. Kien possibbli għall-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni żieda, anki baxxa, tal-esportazzjonijiet bħala fattur militanti kontra n-neċessità li jiġu ffissati ħlasijiet lura tal-esportazzjoni ta' ammont pożittiv.

140 Finalment, ir-Repubblika Franċiża argumentat, matul is-seduta, li s-sitwazzjoni tas-suq f'Lulju 2013 kienet l-istess bħal f'April u bħal Jannar 2013.

141 Madankollu, ir-Repubblika Franċiża ma ssostanzjatx din id-dikjarazzjoni permezz ta' argumenti konkreti. Barra minn hekk, mid-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni jirriżulta li s-sitwazzjoni tas-suq f'Lulju 2013 ma kinitx identika għal dik li kienet tipprevali f'April jew f'Jannar 2013. Pereżempju, mill-paġna 10 tad-dokument sottomess lill-Kumitat ta' Ġestjoni jirriżulta li l-profitti tal-produtturi abbażi tal-ispiża tal-alimenti kienu ogħla f'Lulju 2013 milli f'April jew f'Jannar 2013.

142 Minn dan kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet manifestament qabżet il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha billi ħadet inkunsiderazzjoni, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, fatturi mhux previsti fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007

143 Ir-Repubblika Franċiża tikkunsidra li l-Kummissjoni hija obbligata, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod esklużiv fatturi li jidhru fost dawk elenkati fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, peress li din il-lista hija limitattiva. Hija tqis li, billi ħadet inkunsiderazzjoni, matul l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-kuntest domestiku u l-kuntest internazzjonali, jiġifieri l-eżistenza ta' ftehim politiku fuq ir-riforma tal-PAK u l-eżistenza, fil-kuntest tan-negozjati taċ-ċiklu ta' Doha tad-WTO, ta' impenn, ikkundizzjonat mill-konklużjoni ta' ftehim, li twaqqaf il-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fatturi mhux previsti fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 u għalhekk qabżet manifestament il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha.

144 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Repubblika Franċiża.

145 L-argumentazzjoni tar-Repubblika Franċiża hija bbażata fuq il-premessa li tgħid li l-elenku, li jidher fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, ta' fatturi li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni tagħhom matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura hija limitattiva.

146 Għalhekk għandu jiġi analizzat jekk din il-premessa hija korretta.

147 Għandu jiġi rrilevat li l-formulazzjoni adottata fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 hija flessibbli biżżejjed. Fil-fatt, skont dan il-paragrafu, "[w]ieħed jew aktar mill-aspetti li ġejjin għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta jkunu qed jiġu ffissati rifużjonijiet għal ċertu prodott […]".

148 Minn din il-formulazzjoni jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni mill-inqas wieħed mill-aspetti elenkati minn dan l-artikolu. Madankollu, minn din il-formulazzjoni ma jirriżultax li l-lista ta' dawn l-aspetti hija limitattiva. Il-formulazzjoni li tgħid li "għandu jittieħed in konsiderazzjoni" ma topponix għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' aspetti oħra.

149 Il-flessibbiltà tal-formulazzjoni magħżula timmilita kontra n-natura limitattiva tal-elenku. Barra minn hekk, din il-flessibbiltà hija kkonfermata minn verżjonijiet lingwistiċi oħra tad-dispożizzjoni inkwistjoni. B'hekk, il-verżjoni Ingliża, "One or more of the following aspects shall be taken into account when refunds for a certain product are being fixed", u l-verżjoni Ġermaniża, "Die Ausfuhrerstattungen werden je nach Erzeugnis unter Berücksichtigung eines oder mehrerer der folgenden Faktoren festgesetzt", jikkonfermaw li l-Kummissjoni hija biss marbuta li "tieħu in konsiderazzjoni" wieħed jew iktar mill-aspetti elenkati, liema fatt ma jfissirx li hija għandha tibbaża lilha nnifisha b'mod esklużiv fuq dawn il-fatturi.

150 Barra minn hekk, il-fatt li, skont l-Artikolu 162(1) tar-Regolament Nru 1234/2007, l-għoti stess tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni hija fakultattiva, timmilita favur marġni wiesa' ħafna ta' diskrezzjoni u flessibbiltà kbira favur il-Kummissjoni meta tirrigwarda l-iffissar tal-ammont tagħhom.

151 Fil-fatt, huwa ftit konvinċenti li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li lanqas xejn ma tagħti ħlasijiet lura tal-esportazzjoni, u din mingħajr ma tkun kostretta li tibbaża din id-deċiżjoni fuq kriterji determinati, iżda li hija għandha, matul l-iffissar tal-ammont ta' dawn il-ħlasijiet lura, tieħu inkunsiderazzjoni b'mod esklużiv aspetti elenkati b'mod limitattiv.

152 Kuntrarjament għal dak li tiddikjara r-Repubblika Franċiża, l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 ma jiġix mċaħħad mill-effettività tiegħu jekk il-lista ta' aspetti elenkati minn din id-dispożizzjoni ma kinitx ikkunsidrata bħala limitattiva.

153 Fil-fatt, anki jekk l-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 ma jipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' aspetti oħra, jirriżulta minn dan il-paragrafu li l-Kummissjoni hija marbuta tieħu inkunsiderazzjoni (ukoll) mill-inqas wieħed mill-aspetti elenkati minn din id-dispożizzjoni.

154 Minn dan kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li l-premessa li fuqha r-Repubblika Franċiża tibbaża l-argumentazzjoni tagħha hija żbaljata.

155 B'mod superfluwu, għandu jiġi rrilevat li, kif tirrileva essenzjalment il-Kummissjoni, anki jekk l-elenku ta' kriterji previsti fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007 tqies li huwa limitattiv, dan ma jipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest politiku u ekonomiku ġenerali.

156 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-adozzjoni ta' atti ta' portata ġenerali tinsab dejjem f'kuntest politiku u ekonomiku ġenerali u li huwa pjuttost normali l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni dan il-kuntest (ara punti 60 u 61 iktar 'il fuq).

157 Peress li l-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni orjentazzjonijiet politiċi futuri u negozjati kontinwi f'livell internazzjonali, matul l-iffissar tal-ammont tal-ħlasijiet lura tal-esportazzjoni skont il-kriterji flessibbli previsti fl-Artikolu 164(3) tar-Regolament Nru 1234/2007, din ma tfissirx li hija taqbeż il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, u dan anki jekk il-lista ta' kriterji previsti mid-dispożizzjoni inkwistjoni tqieset li hija limitattiva. Fil-fatt, il-kuntest ġenerali jista' dejjem jeżerċita influwenza fuq l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni u elenku, anki limitattiv, tal-kriterji li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni, ma jistax jipprekludiha li tieħu inkunsiderazzjoni dan il-kuntest ġenerali.

158 Minn dan kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-perspettivi ta' riforma tal-PAK kif ukoll in-negozjati kontinwi fi ħdan id-WTO ma tistax tiġi kkritikata.

159 Għalhekk għandha tiġi miċħuda wkoll it-tieni parti tat-tieni motiv u, għaldaqstant, ir-rikors fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

160 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

161 F'dan il-każ, il-Kummissjoni talbet li l-Qorti Ġenerali jogħġobha "tirriżerva l-ispejjeż". B'dan il-mod, hija ma talbitx validament għall-kundanna tar-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż. Fil-fatt, it-talba ssemmi li l-Qorti Ġenerali tirriżerva l-ispejjeż ma għandha ebda sens f'dan il-każ u hija ekwivalenti għal assenza ta' talbiet fuq l-ispejjeż min-naħa tal-Kummissjoni.

162 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi deċiż li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Dittrich Schwarcz Tomljenović

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Jannar 2016.

Firem